Dispożittiv

1) Ir-rikorsi huma miċħuda.

2) Computer Task Group Luxembourg PSF SA (CTG Luxembourg PSF) hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Novembru 2011 — El Coto De Rioja vs UASI — Álvarez Serrano (COTO DE GOMARIZ)

(Kawża T-276/10)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva COTO DE GOMARIZ — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti COTO DE IMAZ u EL COTO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet relattivi ta' invalidità — Eżistenza ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 8(1)(b) u 53(1)(a)) (ara l-punti 22, 49, 52-54)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-28 ta' April 2010 (Każ R 1020/2008-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn El Coto de Rioja, SA u María Álvarez Serrano.

Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-28 ta' April 2010 (Każ R 1020/2008-4), hija annullata sa fejn l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell dwar ix-xebh tas-sinjali inkwistjoni hija żbaljata.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Novembru 2011 — Abbott Laboratories vs UASI (RESTORE)

(Kawża T-363/10)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali RESTORE — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Ksur tad-dritt għal smigħ — Obbligu ta' motivazzjoni — L-ewwel u t-tieni sentenzi tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punti 29, 36, 37)